*Nibqa' narak fl-imħabba, wens tal-ħajja*
*Fil-ġmiel tal-ward, tas-sħab, tal-baħar tagħna*
*Fix-xtajta, fil-widien, fil-għerf bil-għajja*
*U fil-qalb bienja minn tat-tfal daħkana;*

*Fl-egħlieqi qodma ta' missirijietna*
*U d-drawwiet tagħhom u fil-ġens qalbieni*
*Tal-gżira mxemmxa, l-omm li wisq ħabbitna*
*Fil-lwien tax-xefaq ta' filgħodu kmieni*

*Għannej nisrani, kewkba ewlenija*
*Werrej fid-dlam tal-lum, kewkba Maltija!*

J. Zammit Tabona

## NOSTALĠIJA

*(Lil Erin Serracino-Inglott)*

*Inħoss bħal dieqa f'qalbi kif narakom*
*siġar għoljin, tixxenglu tul l-għadira!*
*Tfakkruni fl-għan . . .*
*Għoljin,*
*kburin,*
*ħelwin;*
*qiskom m'intomx ta' l-art, taħsbu fis-sema.*
*Tiżfnu*
*tifirħu*
*tibku*
*titkellmu ma' xulxin qiskom ta' ġewwa.*
*Tinżgħu,*
*tilbsu,*
*tbiddlu*
*bl-ilwien ta' kull staġun, il-mantar għani.*
*Inħoss bħal dieqa fija kif nilmaħkom. . .*
*id-dieqa tas-smewwiet . . . ix-xewqa t'Alla.*

6.ii.70 George Mercieca